# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Mark Cauchi**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Cauchi li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 252880M li permezz taghha gie akkuzat li:

1. Bejn is-26 u it-28 ta` Mejju, 2008, minn fuq kajjiek bl-isem ta` St. Joseph illi kien jinsab sorgut gewwa Marsaskala ikkometta serq ta` oggetti liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta` Rueben Bugeja u/jew persuna/i ohra;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fl-istess kajjiek, liema hsarat huma ta` aktar minn €116.47 ghad-dannu ta` Rueben Bugeja u/jew persuna/i ohra.

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tat-8 ta` Novembru, 2017 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament u matul il-kors tal-ezami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370 (4) tal-Kodici Kriminali l-istess imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 15 li permezz tieghu iddikjara li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li l-hati ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, semgha lill-imputat ittenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr hlief li ssibu hati.

## *DECIDE:*

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 261 (b) (e), 263 (a), 269 (e), 278 (2) u 325 (1) (d) tal-Kodici Kriminali ta` dak iz-zmien u li filwaqt issibu hati, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 46 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk il-Qorti qieghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mid-data tal-llum.

Ai termini tal-Artikolu 22 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta` liberazzjoni kndizzjonata, il-hati jkun jista` jinghata sentenza ghar-reat originali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta` hames mija tnejn u tmenin ewro u hamsin centezmu tal-ewro (€582.50) lil Reuben Bugeja, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 540176M, u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-llum.

***Moghtija illum 8 ta` Novembru, 2017 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***